MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 188/2010

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Tarquin Vella – ID-405690M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ipprezentat fl-4 ta’ Frar, 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ hames mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€584.68c) rapprezentanti valur ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici kif jirrizulta minn kontijiet mibghuta in konnessjoni mal-kuntratt bin-numru 1026217 u dana ghax-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-31 ta’ Ottubru u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Sema’ fis-seduta tal-lum lill-konvenut jiddikjara illi l-ammont fil-fatt kien dovut minnu pero` talab illi jinghata l-fakulta illi dawn jithallsu lura permezz ta’ pagamenti mensili.

Ghaldaqstant it-Tribunal, fuq ammissjoni tal-istess konvenut, qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-Socjeta Attrici s-somma mitluba ta’ hames mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€584.68). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza kif rikjesti a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------